C/2024/1058

24.1.2024

Avviż minn qabel ta' konċentrazzjoni

(Każ M.11452 — DACHSER / FRIGOSCANDIA)

Każ li jista' jiġi kkunsidrat għal proċedura ssimplifikata

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

(C/2024/1058)

1. Fis-17 ta' Jannar 2024, il-Kummissjoni rċeviet avviż ta' konċentrazzjoni proposta skont l-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ([1]).

Dan l-avviż jikkonċerna l-impriżi li ġejjin:

— Dachser SE ("Dachser", il-Ġermanja), li fl-aħħar mill-aħħar hija kkontrollata minn Dachser Group SE & Co. KG ("Dachser Group", il-Ġermanja),

— Frigoscandia AB ("Frigoscandia", l-Iżvezja).

DACHSER se takkwista, fis-sens tal-Artikolu 3(1)(b) tar-Regolament dwar l-Għaqdiet, il-kontroll ta' Frigoscandia kollha kemm hi.

Il-konċentrazzjoni se ssir permezz ta' xiri ta' ishma.

2. L-attivitajiet kummerċjali tal-impriżi kkonċernati huma dawn li ġejjin:

— Dachser hija kumpanija tal-loġistika. Din tikkonsisti f'żewġ elementi ewlenin: (i) il-loġistika tat-triq Dachser (Dachser road logistics) u (ii) il-loġistika tal-ajru u tal-baħar ta' Dachser (Dachser air & sea logistics). Dachser hija fl-aħħar mill-aħħar ikkontrollata minn Dachser Group, li taġixxi bħala kumpannija holding għal Dachser u entitajiet operatorji oħra.

— Frigoscandia hija fornitur ta' loġistika kkontrollata mit-temperatura attiva prinċipalment fl-Iżvezja.

3. Wara eżami preliminari, il-Kummissjoni tqis li t-tranżazzjoni notifikata tista' taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament dwar l-Għaqdiet. Madankollu, id-deċiżjoni finali dwar dan il-punt hija riżervata.

Skont l-Avviż tal-Kummissjoni dwar trattament simplifikat għal ċerti konċentrazzjonijiet skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 dwar il-kontroll ta' konċentrazzjonijiet bejn l-impriżi ([2]) jenħtieġ li jiġi nnutat li dan il-każ jista' jiġi kkunsidrat għal trattament skont il-proċedura stabbilita fl-Avviż.

4. Il-Kummissjoni tistieden lil terzi persuni interessati biex jibagħtulha l-kummenti li jista' jkollhom dwar l-operazzjoni proposta.

Il-kummenti jridu jaslu għand il-Kummissjoni mhux aktar tard minn għaxart ijiem wara d-data ta' din il-pubblikazzjoni. Jenħtieġ li r-referenza li ġejja dejjem tiġi speċifikata:

M.11452 — DACHSER / FRIGOSCANDIA

Il-kummenti jistgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni permezz tal-posta elettronika jew permezz tal-posta normali. Uża d-dettalji ta' kuntatt ta' hawn taħt:

Indirizz tal-posta elettronika: COMP-MERGER-REGISTRY@ec.europa.eu

([1]) ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1 (ir-"Regolament dwar l-Għaqdiet").
([2]) ĠU C 160, 5.5.2023, p. 1.

Indirizz postali:

European Commission
Directorate-General for Competition
Merger Registry
1049 Bruxelles/Brussel
BELGIQUE/BELGIË